Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell: 18/2013AE

**Joseph Caruana Company Limited**

**Vs**

**Anthony Muscat**

Il-Gimgha, 27 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' avviz prezentat fil-25 ta' Novembru 2013, l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €9,249.37 import ta' diversi oggetti u materjal li nbieghu lilu.

Il-konvenut gie notifikat permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Fl-10 ta' April 2015 il-konvenut ipprezenta rikors (fol. 18) fejn talab li jinghata l-ghajnuna legali. B'digriet tal-10 ta' April 2015 il-qorti ddikjarat li kienet ser tipprovdi waqt l-udjenza. Il-konvenut ma attendiex ghas-seduta tad-29 ta' April 2015. Il-verbal jaqra:-

*"Meta ssejhet il-kawza deher Dr Kevin Mompalao ghas-socjeta attrici.*

*Il-konvenut debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni naqas li jattendi ghas-smiegh tal-kawza.*

*Dr Kevin Mompalao ghas-socjeta attrici jiddikjara li l-ammont indikat fl-avviz ghadu kollu dovut.*

*Kawza posposta ghas-sentenza"* (fol. 26).

Dakinhar stess il-konvenut ipprezenta rikors (fol. 24) fejn talab lill-qorti sabiex ma tatix is-sentenza ghaliex kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tieghu u ried jiddefendi ruhu iktar u iktar ghaliex l-azzjoni kienet preskritta. B'digriet moghti dakinhar il-qorti cahdet it-talba peress li l-konvenut naqas milli jattendi ghas-seduta.

Il-qorti tat is-sentenza fejn jinghad:-

*"Il-Qorti, wara li semgħet lil Avukat Dr. Kevin Mompalao għan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont mitlub f'dan l-avviz għadu kollu dovut u peress li jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tilqa' l-istess talba u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna l-konvenut Anthony Muscat sabiex iħallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' disat elef mitejn u disgħa u ergħin ewro u*

*sebgħa u tletin centezmu (€9249.37) import ta' diversi oggettti u materjal mibjugħa lilu mill-istess Kumpanija attrici u dana in relazzjoni max-xogħol tiegħu.*

*L-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Settembru 2008 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 160/2008 u bl-imgħaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-istess oggetti sad-data tal-pagament relattiv, kollox kontra l-konvenut".*

Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu li qabel inghatat is-sentenza kien ipprezenta rikors fejn hemm spjegat ir-ragunijiet li xtaq jaghti bhala difiza[1]. Madankollu l-qorti tat is-sentenza minghajr ma tatu l-opportunita' li jipprezenta twegiba bil-beneficcju tal-ghajnuna legali u minghajr ma stharrget l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Ghalhekk il-konvenut ma nghatax dritt ta' smiegh xieraq.

L-attrici wiegbet (fol. 43) li l-konvenut ma kienx ipprezenta twegiba fit-terminu kontemplat mil-ligi u lanqas attenda ghas-seduta.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri.

**Konsiderazzjoni**.

1. Fil-fehma tal-qorti 'l fatt principali hu li l-konvenut naqas milli jattendi ghas-seduta tad-29 ta' April 2015. Fl-ebda mument ma pprova jiggustifika n-nuqqas tieghu. Ghalhekk m'hemmx prova li kien jezisti x'impediment legittimu li zamm lill-konvenut milli jattendi ghas-seduta. Sahansitra fir-rikors li pprezenta dakinhar stess ma tax raguni ghalfejn ma kienx prezenti ghas-seduta.

2. Skond l-Artikoli 171(2) u 215 tal-Kap. 12, fil-Qorti tal-Magistrati kawza titmexxa sommarjament u b'heffa. M'hemm xejn milli jzomm lill-Qorti tal-Magistrati milli tiddeciedi l-kawza fl-istess gurnata tas-smiegh. Dan minkejja li kien ghadu pendenti r-rikors tal-konvenut sabiex jinghata l-ghajnuna legali. Fid-digriet tat-13 ta' April 2014 (fol. 23) il-qorti kienet ghamlitha cara li kienet ser tipprovdi dwar ir-rikors waqt l-udjenza. Ghal ragunijiet li jaf il-konvenut, ma attendiex ghal dik is-seduta. L-appellant kellu jibda biex jiggustifika r-raguni ghalfejn ma kienx prezenti ghas-seduta tad-29 ta' April 2014. Ladarba dan l-oneru ma wettqux ma jistax jilmenta li ma nghatax smiegh xieraq.

3. Madankollu fir-rikors tal-appell, l-appellant rega' tenna li ghandu eccezzjoni ta' preskrizzjoni x'jaghti. Skond l-Artikolu 732(1) tal-Kap. 12:

---

[1] Dakinhar li nghatat is-sentenza, il-konvenut ipprezenta rikors fejn talab lill-qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tatih l-opportunita' li jiddefendi ruhu. Fir-rikors iddikjara li xtaq jinghata l-opportunita' li jiddefendi ruhu *"….. iktar u iktar meta l-ammont pretiz jinsab preskritt".*

*"…. l-eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad".*

Imbaghad skond l-Artikolu 2112 tal-Kodici Civili:

*"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell".*

**Fic-cirkostanzi:**

1. **Tiddikjara li l-appellant ghandu jedd li f'dan l-istadju jaghti eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**
2. **Tichad l-aggravju tal-appellant li ma kellux smiegh xieraq quddiem l-ewwel qorti.**

**Peress li l-appellant qieghed bl-ghajnuna legali, m'hemmx x'jinghad dwar l-ispejjez.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur